***Ordni***



Marija kienet eċitata ħafna għax kienet sejra ġurnata baħar ma' sħabha tal-iskola. Waslet ix-xarabank imma kienet għadha ma sabitx il-malja u l-karozza laħqet telqet. (Par. 1)



"Ara ftit kemm hi traskurata!" qalet ommha lin-nanna Pina. Il-kamra ċkejkna ta' Marija kienet ta' taħt fuq. L-omm kienet ħa tibda tirranġa xi ħaġa meta n-nanna qaltilha: "Tmiss xejn, illejla nkellimha jien." (Par. 2)



Filgħaxija n-nanna sejħet lil Marija ħdejha u qaltilha "Kollox f'postu u post għal kollox." Minnufih, Marija bdiet tirranġa l-kamra tagħha man-nanna. Il-kamra issa ġiet aktar sabiħa u spazzjuża. (Par. 3)

<u>Imla l-vojt</u>

1. Marija kienet sejra ġurnata _______________.

2. Ma setgħetx issib il-_________________.

<u>Agħżel it-tweġiba t-tajba</u>

3. Marija kienet traskurata organizzata.

4. Il-kamra ta' Marija kienet pulita imħarbta.

<u>Wieġeb il-mistoqsijiet</u>

5. Min ried ikellem lil Marija filgħaxija? _____________________________

6. Kif ġiet il-kamra wara li Marija bdiet tirranġaha? _________________________

LIVEWORKSHEETS